**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Jason Agius)

**vs**

**Mario Magro**

Illum 19 ta` Lulju 2001

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazjonijiet dedotti kontra l-imputat Mario Magro ta` 32 sena, bin Carmelo u Mary nee` Cutajar, imwieled Pieta` fit-22 ta` jannar 1969 u joqghod Flat 1, 'Carmen' Triq is-Serkin, Marsa ID 88469 (M);

Talli fit-13 ta` Mejju 2001, f`xi hin bejn nofs il-lejl u s-1.15 am., f`Rahal Gdid, volontarjament ikkaguna offiza ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Charise Mifsud, skond kif iccerttifika it-tabib Dr stephen Muscat;

Talli fl-istess data, lik, hin u cirkostanzi,  volontarjament kiser il-paci pbbblika u l-bon ordni b`ghajjat u glied;

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi f`lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher car fis-sakra;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Jidhrilha li minhabba l-kondotta x`aktarx nadifa tal-akkuzat, u minhabba li omm it-tifla Charise Mifsud hafret lill-akkuzat seduta stante,  u minhabba li l-akkuzat wera s-

soghba tieghu ghal dak li gara, ghandha tapplika l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghalhekk filwaqt li ssib lill-akkuzat hati**, tilliberah that il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum** u qed ittih it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.